СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИТЕ ОБЩНОСТИ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA
EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
CURTEA DE JUSTIȚIE A COMUNITĂȚILOR EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKYCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

CVRIA
LUXEMBOURG

Stampa u Informazzjoni

**INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA Nru 1/09**

13 ta' Jannar 2009

# TWAQQIF TA' SISTEMA TA' RSS GĦALL-KOMUNIKATI STAMPA

Id-Diviżjoni ta' l-Istampa u l-Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja issa għandha sistema ta' RSS għax-xandir tal-komunikati stampa dwar l-iktar kawżi u avvenimenti importanti ta' l-istituzzjoni.

## X'inhu l-RSS?

RSS (Really Simply Syndication jew Rich Site Summary) huwa format ta' test li jippermetti x-xandir awtomatiku u effikaċi ta' suġġetti ta' attwalità fuq l-Internet, u b'hekk jevita t-tfittxija ta' l-informazzjoni. Inti tiġi avżat, permezz ta' senjalazzjoni, bit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-komunikati stampa u tkun tista' taċċedi għat-test sħiħ.

## X'għandu jsir sabiex jintuża RSS feed għall-ewwel darba?

Huwa possibbli li wieħed jabbona għal feed billi juża RSS reader. Hekk kif ikun installat, l-RSS jivverifika, jattwalizza u javżak bit-tqegħid ta' kull informazzjoni ġdida fuq l-Internet.

Inti tista' tuża l-magna ta' tiftix (search engine) normali tiegħek sabiex tagħżel ir-reader li tippreferi minn fost dawk li jeżistu fis-suq. Jeħtieġ li tosserva li d-diversi readers jaħdmu fuq sistemi operattivi (operating systems) differenti, ħaġa li għandek iżżomm f'moħħok meta tkun qed tagħmel l-għażla tiegħek.

Il-metodi ta' l-abbonament ivarjaw skond ir-readers. Ir-reader li tagħżel jagħtik l-istruzzjonijiet neċessarji.

Hekk kif tkun niżżilt u installajt ir-reader, imxi ma' l-istruzzjonijiet sabiex iżżid l-għażla tiegħek mal-feeds offerti mill-CVRIA bħala kanal ġdid.

## Liema feeds ta' informazzjoni huma offerti mill-CVRIA?

Fuq is-sit CVRIA, l-RSS feeds tal-komunikati stampa huma disponibbli fi 22 lingwa.

Sabiex jittieħed in kunsiderazzjoni il-fatt li l-komunikati stampa mhux dejjem ikunu disponibbli fil-lingwi kollha, huwa possibbli li tabbona għal-lingwa ta' l-għażla tiegħek u għal waħda minn żewġ lingwi supplimentari (il-Franċiż jew l-Ingliż) sabiex tirċievi informazzjoni sħiħa. Fil-każ li komunikat stampa ma jkunx disponibbli fil-lingwa ta' l-għażla tiegħek, xorta tintbagħtlek l-informazzjoni fil-lingwa supplimentari magħżula.

Sabiex tuża l-RSS, għażel wieħed miż-żewġ URL li ġejjin:

MT + EN: http://curia.europa.eu/feeds/rssenmt.xml

MT + FR: http://curia.europa.eu/feeds/rssfrmt.xml

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Din l-informazzjoni għall-Istampa hija ukoll disponibbli fuq is-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja*
*http://curia.europa.eu/mt/actu/communiques/index.htm*

*Għal iktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*
*Tel: (00352) 4303 3355 Faks: (00352) 4303 2731*